Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

13625/14
(OR. en)

PRESSE 482
PR CO 46

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3334 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ġenerali

Brussell, 29 ta' Settembru 2014

President **Sandro Gozi**
Segretarju tal-Istat tal-Italja għall-Affarijiet Ewropej

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 5394 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill ħejja t-triq għall-**Kunsill Ewropew ta' Ottubru** billi eżamina abbozz ta' aġenda. Il-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru huwa mistenni jieħu deċiżjoni dwar il-qafas il-ġdid tal-politika dwar il-klima u l-enerġija, jiddiskuti s-sitwazzjoni ekonomika fl-Ewropa u jindirizza kwistjonijiet internazzjonali urġenti.*

"Sabiex jintlaħaq ftehim f'Ottubru, jeħtieġ li ssir aktar ħidma fuq kwistjonijiet pendenti, u b'mod partikolari dwar il-kondiviżjoni tal-piżijiet. Madankollu, id-delegazzjonijiet ikkonfermaw l-objettiv li jintlaħaq ftehim ambizzjuż dwar il-pakkett tal-klima u l-enerġija", *qal Sandro Gozi, Segretarju tal-Istat tal-Italja għall-Affarijiet Ewropej u President tal-Kunsill.*

Bħala segwitu għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, il-Kunsill eżamina l-implimentazzjoni tal-inizjattivi meħuda f'dawn l-aħħar sentejn ***biex jitrawmu t-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività*** *fl-Ewropa u ddiskuta kif tista' tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.*

"Dan huwa eżerċizzju ġdid imniedi mill-Presidenza Taljana bl-għan li jiġu żgurati aħjar l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni aktar effettiva tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew", *żied jgħid is-Segretarju tal-Istat Gozi.* "Illum, abbażi ta' rapport ipprovdut mill-Presidenza, kellna l-ewwel diskussjoni ffukata fuq l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività, li kienet ukoll utli bil-ħsieb tal-Konferenza dwar l-Impjiegi fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern li ser issir f'Milan fit-8 ta' Ottubru. Id-diskussjonijiet tal-lum ser jgħinu wkoll biex titħejja d-diskussjoni fil-Kunsill Ewropew ta' Ottubru. Wara sensiela ta' dibattiti ta' kull xahar, fi tmiem il-Presidenza tagħna, aħna ser nippreżentaw rapport komprensiv dwar l-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika".

*Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-**Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku**.*

"Il-konklużjonijiet li ġew adottati mill-Kunsill illum iwittu t-triq għall-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru tal-istrateġija makroreġjonali", *żied jgħid is-Segretarju tal-Istat Sandro Gozi.* "L-istrateġija, li hi waħda mill-prijoritajiet tal-Presidenza Taljana, ser tipprovdi għodod ġodda biex titrawwem kooperazzjoni f'oqsma bħall-ekonomija marittima, il-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar, it-tlestija tal-konnessjonijiet tat-trasport u l-enerġija u biex tingħata spinta lit-turiżmu sostenibbli fuq livell reġjonali, għall-benefiċċju ta' 70 miljun ċittadin."

Il-Presidenza infurmat ukoll lill-Kunsill dwar l-eżiti tal-ewwel laqgħa tal-"Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza" dwar it-titjib tal-funzjonament tal-UE, li saret fil-25 ta' Settembru.

Barra minn hekk, il-Kunsill adotta, mingħajr diskussjoni, l-atti u d-deċiżjonijiet li ġejjin:

– *żewġ regolamenti dwar* ***l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet affiljati magħhom****;*

– *id-dewmien fl-applikazzjoni proviżorja tal-****ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ukraina****;*

– *it-twessigħ tal-mandat tal-****Missjoni*** *tal-Unjoni Ewropea* ***għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo****;*

– *Direttiva li tistabbilixxi* ***regoli*** *ġodda* ***ta' trasparenza dwar ir-responsabbiltà soċjali għal kumpanniji kbar****;*

– *Direttiva dwar* ***il-bini ta' infrastruttura minima għal fjuwils alternattivi madwar l-UE****;*

– *Regolament dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid tal-****ispeċijiet aljeni invażivi****.*

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI **6**

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Kunsill Ewropew 8

– Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 8

– Segwitu għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 8

Strateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku 9

Affarijiet oħra 9

– Titjib tal-funzjonament tal-UE 9

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET ĠENERALI

– L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej* 10

– Aġġustament tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill għar-regoli l-ġodda dwar il-maġġoranza kwalifikata 10

AFFARIJIET BARRANIN

– Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina 11

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

– EULEX Kosovo 11

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

– Aġenda UE-Niġerja dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà 11

– Sħubija Ġordan-UE għall-mobbiltà 12

– Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 12

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Rekwiżit ta' fondi proprji ... 13

POLITIKA KUMMERĊJALI

– Kuntratti tad-derivattivi f’repożitorji tat-transazzjonijiet - Ftuħ ta’ taħdidiet ma’ partijiet terzi ... 13

TASSAZZJONI

– Fjuwil għat-tisħin - l-Italja ... 13

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

– Il-pajjiżi mdawrin bl-art li qed jiżviluppaw ... 14

LIĠI TAL-KUMPANNIJI

– Divulgazzjoni ta’ informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn kumpanniji kbar* ... 16

AMBJENT

– Speċijiet aljeni invażivi* ... 17

TRASPORT

– Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi* ... 17

TELEKOMUNIKAZZJONI

– Unjoni għall-Mediterran: laqgħa ministerjali dwar l-ekonomija diġitali ... 18

AGRIKOLTURA

– Għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali ... 18

– Pestiċidi - livelli massimi ta' residwu ... 19

– Pestiċidi - miżuri transitorji ... 20

UNJONI DOGANALI

– Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali ta’ oġġetti (carnets TIR) ... 20

ĦATRIET

– Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - Kumitat tar-Reġjuni ... 21

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sur Didier REYNDERS	Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ Estern u l-Affarijiet Ewropej
Bulgarija:	
Is-Sur Rumen ALEXANDROV	Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Martin POVEJŠIL	Rappreżentant Permanenti
Danimarka:	
Is-Sur Martin LIDEGAARD	Ministru tal-Affarijiet Barranin
Ġermanja:	
Is-Sur Michael ROTH	Ministru tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Estonja:	
Is-Sur Matti MAASIKAS	Rappreżentant Permanenti
Irlanda:	
Is-Sur Dara MURPHY	Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej
Greċja:	
Is-Sur Dimitrios KOURKOULAS	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin
Spanja:	
Is-Sur Alfonso DASTIS QUECEDO	Rappreżentant Permanenti
Franza:	
Is-Sur Harlem DÉSIR	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej
Kroazja:	
Is-Sur Mato ŠKRABALO	Rappreżentant Permanenti
Italja:	
Is-Sur Sandro GOZI	Segretarju tal-Istat responsabbli għall-Affarijiet Ewropej
Ċipru:	
Is-Sur Ioannis KASOULIDES	Ministru tal-Affarijiet Barranin
Latvja:	
Is-Sur Edgars RINKĒVIČS	Ministru tal-Affarijiet Barranin
Litwanja:	
Is-Sur Rolandas KRIŠČIŪNAS	Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin
Lussemburgu	
Is-Sur Jean ASSELBORN	Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej, Ministru tal-Immigrazzjoni u l-Asil
Ungerija:	
Is-Sur Péter GYÖRKÖS	Rappreżentant Permanenti
Malta	
Is-Sinjura Marlene BONNICI	Rappreżentant Permanenti
Il-Pajjiżi l-Baxxi:	
Is-Sur Pieter de GOOIJER	Rappreżentant Permanenti
Awstrija:	
Is-Sur Walter GRAHAMMER	Rappreżentant Permanenti
Polonja:	
Is-Sur Marek PRAWDA	Rappreżentant Permanenti
Portugall:	
Is-Sur Bruno MAÇÃES	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej
Rumanija:	
Is-Sur George CIAMBA	Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Slovenja:	
Is-Sur Rado GENORIO	Rappreżentant Permanenti

Slovakkja: Is-Sur Peter JAVORČÍK	Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Finlandja: Is-Sinjura Lenita TOIVAKKA	Ministru tal-Affarijiet Ewropej u l-Kummerċ Barrani
Svezja: Is-Sinjura Birgitta OHLSSON	Ministru tal-Affarijiet tal-UE
Renju Unit: Is-Sur David LIDINGTON	Ministru tal-Istat għall-Ewropa, l-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin u l-Commonwealth

---

Kummissjoni: Is-Sur Ferdinando NELLI FEROCI	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Kunsill Ewropew

– ***Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Ottubru***

Il-Kunsill iddiskuta abbozz ta' aġenda annotata, imfassal mill-President tal-Kunsill Ewropew f'kooperazzjoni mal-Presidenza u l-Kummissjoni, għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li ser isir fit-23 u l-24 ta' Ottubru (*12780/14*).

Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru ser jiffoka fuq:

– Il-klima u l-enerġija; l-objettiv hu li tittieħed deċiżjoni finali dwar il-qafas ta' politika l-ġdid dwar il-klima u l-enerġija. L-Istati Membri kollha enfasizzaw l-importanza li jintlaħaq qbil, f’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju. Ħafna minnhom ikkunsidraw li jinħtieġu aktar sforzi, b’mod partikolari dwar il-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-enerġija, l-interkonnessjonijiet, il-kondiviżjoni tal-piż u l-mekkaniżmi ta’ flessibbiltà, sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

– Kwistjonijiet ekonomiċi; il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti s-sitwazzjoni ekonomika fl-UE abbażi ta’ preżentazzjoni mill-Kummissjoni u l-ħidma mwettqa mill-Kunsill. Id-diskussjoni għamlitha ċara li l-investimenti huma ċentrali biex jiġu stimulati t-tkabbir u l-ħolqien ta’ impjiegi.

– Punti oħrajn; kwistjonijiet marbutin ma' relazzjonijiet esterni speċifiċi jistgħu jiġu indirizzati fid-dawl tal-iżviluppi.

L-abbozz ta' aġenda annotata ser iservi bħala l-bażi tal-abbozz ta' konklużjonijiet, li għandu jitħejja qabel il-laqgħa.

– ***Segwitu għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju***

B’segwitu għall-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju, il-Kunsill analizza l-aġenda strateġika li tiffoka fuq il-kapitolu dwar l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività u ddiskuta kif jiġu implimentati aħjar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-ewwel pilastru tal-aġenda strateġika.

Id-diskussjoni kienet ibbażata fuq rapport tal-Presidenza (*13244/14*) li janalizza l-progress fl-aħħar sentejn minn meta ġie adottat il-Patt għal Tkabbir u Impjiegi. Il-Ministri taw il-valutazzjoni tagħhom ta’ fejn ninsabu u x’jista’ jsir biex tittejjeb jew titħaffef l-implimentazzjoni.

Id-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni hi eżerċizzju ġdid imniedi mill-Presidenza li, fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali ta’ Lulju, ipproponiet li jsir titjib fis-segwitu għall-orjentazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew u li dan ikun iffukat fuq il-prijoritajiet li jinsabu fl-aġenda strateġika adottata f’Ġunju. L-idea hi li r-rapporti komprensivi ta' implimentazzjoni, li huma ppubblikati kull sitt xhur u li jkopru s-setturi kollha, jiġu ssupplimentati bil-ħruġ ta' rapporti ta' kull xahar li jiffokaw fuq pilastru speċifiku tal-aġenda strateġika.

Strateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku (*10675/14*) li jinsabu fid-dokument *13503/14*.

Strateġija makroreġjonali hija qafas integrat biex jiġu indirizzati sfidi komuni f'żona ġeografika partikolari fejn jinsabu kemm Stati Membri kif ukoll pajjiżi terzi. L-objettiv huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni sabiex tinkiseb koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku għandha l-għan li tgħin it-tmien pajjiżi parteċipanti (il-Kroazja, il-Greċja, l-Italja, is-Slovenja, l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Montenegro u s-Serbja) isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-benefiċċju ta' 70 miljun ċittadin. L-oqsma ta’ kooperazzjoni jinkludu l-promozzjoni tal-ekonomija marittima, il-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar, it-tlestija tal-konnessjonijiet tat-trasport u l-enerġija u t-tisħiħ tat-turiżmu sostenibbli.

L-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku mistennija li tiġi approvata mill-Kunsill Ewropew fit-23-24 ta' Ottubru. Din tkun it-tielet strateġija makroreġjonali tal-UE, wara l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (2009) u l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (2011).

Affarijiet oħra

– ***Titjib tal-funzjonament tal-UE***

Il-Presidenza infurmat lill-Kunsill dwar l-ewwel laqgħa tal-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza dwar it-titjib tal-funzjonament tal-UE, li saret fil-25 ta’ Settembru 2014.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET ĠENERALI

L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej*

Il-Kunsill adotta regoli ġodda dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej, wara li ntlaħaq qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew. Ir-regoli jinkludu Regolament li għandu l-għan li jgħin lill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi affiljati magħhom biex ikunu jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom li jesprimu r-rieda politika taċ-ċittadini tal-UE (*PE-CONS 62/14* + *13274/14 ADD 1 REV 2*)[1] u Regolament li jaġġusta r-Regolament finanzjarju għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-partiti politiċi Ewropej (*PE-CONS 68/14* + *13273/14 ADD 1*)[2].

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa *13652/14*.

Aġġustament tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill għar-regoli l-ġodda dwar il-maġġoranza kwalifikata

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taġġusta r-regoli ta' proċedura tiegħu għar-regoli l-ġodda għall-kalkolu tal-maġġoranza kwalifikata li, skont l-Artikolu 238(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, japplikaw mill-1 ta' Novembru 2014. Minn din id-data 'l quddiem, sistema ta' maġġoranza doppja ta' membri tal-Kunsill jew tal-Kunsill Ewropew u ta' popolazzjoni ser tieħu post ir-regoli attwali, li huma bbażati fuq sistema ta' voti peżati.

Meta l-Kunsill ikun qiegħed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni jew tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-maġġoranza kwalifikata ser teħtieġ l-appoġġ ta' mill-inqas 55 % tal-Istati Membri (jiġifieri fl-UE ta' 28, mill-inqas 16-il Stat Membru) li jirrappreżentaw mill-anqas 65 % tal-popolazzjoni tal-UE (jiġifieri fl-2014 madwar 328.6 miljun persuna).

Sal-31 ta' Marzu 2017, meta att ikun ser jiġi adottat mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, membru tal-Kunsill jista' jitlob li l-att jiġi adottat f'konformità mar-regoli dwar il-votazzjoni b'maġġoranza fis-seħħ qabel l-1 ta' Novembru 2014.

Għad-dettalji, ara l-iskeda informattiva.

[1] Id-delegazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi u dik tar-Renju Unit ivvotaw kontra u d-delegazzjoni Belġjana asteniet.
[2] Id-delegazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi u dik tar-Renju Unit ivvotaw kontra.

AFFARIJIET BARRANIN

Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina

Il-Kunsill emenda l-iskeda ta' żmien għall-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina. Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa u d-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

EULEX Kosovo

Il-Kunsill wessa’ l-mandat tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX Kosovo). Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

Aġenda UE-Niġerja dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà

Il-Kunsill ikkonferma l-qbil rigward id-dikjarazzjoni konġunta dwar Aġenda Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà bejn ir-Repubblika Federali tan-Niġerja u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. L-Aġenda Komuni hija l-qafas il-ġdid li l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jużaw flimkien mal-oqfsa li diġà jeżistu, b'mod partikolari s-sħubijiet għall-mobbiltà, biex jiżviluppaw il-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni ma' pajjiżi sħab rilevanti[1].

Hu mistenni li d-Dikjarazzjoni konġunta tiġi ffirmata min-Niġerja u, min-naħa tal-UE, mill-Kummissjoni u l-Presidenza fil-futur qrib.

---

[1] *Ara wkoll il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni:* "L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà" *(17254/11)*

Sħubija Ġordan-UE għall-mobbiltà

Il-Kunsill ikkonferma l-qbil rigward id-dikjarazzjoni konġunta dwar is-Sħubija għall-Mobbiltà bejn ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri parteċipanti tagħha, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Approċċ Globali tal-UE għall-Migrazzjoni [1]. Is-Sħubiji għall-mobbiltà huma stabbiliti f'dawk il-każijiet fejn huma jġibu valur miżjud kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiż terz ikkonċernat rigward il-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta ġiet iffirmata mill-Ġordan u t-12-il Stat Membru li kienu esprimew l-intenzjoni tagħhom li jissieħbu mas-sħubija għall-mobbiltà, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea, fil-marġini tal-Kunsill ĠAI tad-9-10 ta' Ottubru 2014.

Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni ta' Regolament delegat tal-Kummissjoni *(12349/14)* li jistabbilixxi miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għall-pubbliku u miżuri ta' informazzjoni għall-benefiċjarji, skont ir-Regolament 514/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet [2]

Ir-Regolament tal-Kummissjoni jistabbilixxi miżuri minimi meħtieġa sabiex il-benefiċjarji potenzjali jiġu informati dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament offruti b'mod konġunt mill-Unjoni u l-Istati Membri permezz tal-programmi nazzjonali. Dan ser jiżgura li l-informazzjoni dwar opportunitajiet possibbli ta' finanzjament tinfirex b'mod wiesa' lill-partijiet interessati kollha u b'hekk tiġi wkoll promossa t-trasparenza.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-hekk imsejħa proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

1 *17254/11*.
2 ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112.

<u>AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI</u>

Rekwiżit ta' fondi proprji

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Regolament dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal ditti li jkollhom awtorizzazzjoni limitata bbażata fuq l-ispejjeż ġenerali fissi.

Ir-Regolament hu att delegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. L-att issa jista' issa jidħol fis-seħħ, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

<u>POLITIKA KUMMERĊJALI</u>

Kuntratti tad-derivattivi f'repożitorji tat-transazzjonijiet - Ftuħ ta' taħdidiet ma' partijiet terzi

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati u li tadotta direttivi ta' negozjati għal ftehimiet bilaterali mal-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, Ħong Kong, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, il-Messiku, l-Arabja Sawdija, Singapor, l-Afrika t'Isfel u l-Istati Uniti dwar l-aċċess reċiproku għal kuntratti tad-derivattivi miżmuma f'repożitorji tat-transazzjonijiet u l-iskambju ta' informazzjoni dwarhom.

<u>TASSAZZJONI</u>

Fjuwil għat-tisħin - Italja

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Italja tapplika rati mnaqqsa ta' taxxa fuq iż-żejt tal-gass u gass likwidu tal-petroljum (LPG) użat għal raġunijiet ta' tisħin f'ċerti żoni li huma partikolarment żvantaġġati skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

Il-miżura għandha l-għan li tpatti parzjalment għall-ispejjeż ta' tisħin li huma sproporzjonalment għoljin għal residenti f'ċerti żoni ġeografiċi, bħas-Sardinja u l-gżejjer iż-żgħar.

Id-deroga ser tapplika mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2018. Hija testendi deċiżjoni preċedenti li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2012.

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

Il-pajjiżi mdawrin bl-art li qed jiżviluppaw

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin li jiddeskrivu l-objettivi u l-prijoritajiet ewlenin tal-UE għat-Tieni Konferenza tan-NU dwar il-pajjiżi mdawrin bl-art li qed jiżviluppaw, li ser issir fi Vjenna fit-3-5 ta’ Novembru 2014:

"1. L-UE u l-Istati Membri tagħha (minn issa 'l quddiem l-UE) jilqgħu l-konferenza komprensiva ta' rieżami ta' kull għaxar snin dwar l-'Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni ta' Almaty: L-indirizzar tal-Ħtiġijiet Speċjali ta' Pajjiżi Mdawrin bl-Art Li Qed Jiżviluppaw (LLDCs) f'Qafas Globali Ġdid għal Kooperazzjoni dwar Trasport fi Transitu għal Pajjiżi Mdawrin bl-Art u ta' Transitu li qed Jiżviluppaw' li ser issir fi Vjenna, l-Awstrija, mit-3 sal-5 ta' Novembru 2014.

2. L-UE tikkunsidra li l-enfasi għal din il-konferenza LLDC għandha tibqa' fuq l-oqsma ċentrali ta' interess tal-LLDC's, inklużi l-kummerċ, it-trasport, l-integrazzjoni reġjonali, l-investiment u l-iżvilupp, ibbażati fuq prinċipji ta' governanza tajba u standards maqbula internazzjonalment. L-UE tistenna b'interess diskussjonijiet miftuħa, produttivi u orjentati lejn ir-riżultati bil-ħsieb li jiġi stabbilit il-Programm ta' Azzjoni tal-LLDC għall-għaxar snin li ġejjin. L-UE tenfasizza li dan il-programm ta' ħidma futur għandu jibni fuq, u jieħu kont tat-tagħlimiet miksuba mill-Programm ta' Azzjoni ta' Almaty (2004), kif ukoll jikkontribwixxi għal tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi tiegħu.

3. L-UE temmen bis-sħiħ li l-konferenza u l-Programm ta' Azzjoni l-ġdid għandhom jiffokaw fuq numru magħżul ta' sfidi ewlenin li huma komuni għal ħafna LLDC u ta' importanza strateġika għall-opportunitajiet ta' żvilupp tagħhom.

(a) Il-faċilitazzjoni tal-kummerċ: L-UE tqis li swieq miftuħa u t-tnaqqis ta' ostakoli għall-kummerċ huma essenzjali għat-tisħiħ ta' tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli. L-UE, flimkien ma' sħab oħra, ser tkompli tappoġġa l-faċilitazzjoni tal-kummerċ fil-kuntest tal-politika ta' żvilupp tagħha kif ukoll permezz tal-għoti ta' Għajnuna għall-Kummerċ immirata. Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (TFA) approvat f'Bali (2013) huwa ta' importanza partikolari għal-LLDCs. L-UE hija impenjata biex tkompli tipprovdi għajnuna teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex tgħinhom jimplimentaw ir-riformi tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

(b) Għajnuna għall-Kummerċ: B'mod kollettiv, l-għajnuna tal-UE tammonta għal terz tal-Għajnuna għall-Kummerċ globali kollha. L-UE hija impenjata biex tippromwovi l-integrazzjoni tal-LLDCs fis-sistema ta' kummerċ multilaterali; tipprovdi aċċess preferenzjali kontinwu għas-swieq lil-LDCs u l-pajjiżi l-aktar fil-bżonn; taħdem favur tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli; u tiżviluppa Għajnuna għall-Kummerċ aktar adattata, ibbażata fuq ir-riżultati u kkoordinata. L-UE tisħaq ukoll dwar l-importanza tar-Regolament il-ġdid dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014. Ir-Regoli ta' Oriġini tal-SĠP huma favorevoli ħafna għal-LDCs.

(c) L-integrazzjoni reġjonali u l-kooperazzjoni: L-integrazzjoni reġjonali hija maħsuba biex tgħin fit-tkabbir tad-daqs tas-suq reġjonali, tnaqqas l-ispejjeż tal-inputs, issaħħaħ il-kompetittività u l-konnettività u tgħin biex tattira Investiment Dirett Barrani ġdid. Azzjoni multilaterali kkoordinata hija kruċjali biex jiġi żgurat li inizjattivi reġjonali dwar it-transitu u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ jiksbu impatt waqt li jieħdu kont tal-interessi tal-pajjiżi max-xtut tax-xmajjar kollha impenjati fi proġetti u inizjattivi konkreti. L-UE tappoġġa l-isforzi tal-kooperazzjoni reġjonali u tilqa' l-ħolqien ta' netwerks biex tiġi indirizzata d-dipendenza fuq l-enerġija, li hija sors kbir ta' vulnerabbiltà ekonomika għal ħafna LLDCs. Dawn il-pajjiżi ser ikomplu jibbenefikaw ukoll mill-appoġġ tal-UE għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd (SE4ALL).

(d) L-infrastruttura kummerċjali inkluż it-trasport: L-UE tinnota li netwerks ta' infrastruttura aktar varjati għandhom rwol sinifikanti għall-prestazzjoni tat-tkabbir fl-LLDCs. In-nuqqasijiet fl-infrastruttura u l-ineffiċjenzi amministrattivi eżistenti jibqgħu ostakoli kbar li jxekklu t-tkabbir ekonomiku fl-LLDCs. L-interkonnettività msaħħa bejn il-postijiet tal-produzzjoni u l-punti tal-esportazzjoni u l-importazzjoni hija għalhekk importanti ħafna. Barra minn hekk, it-trasport ta' passiġġieri u speċjalment ta' prodotti agrikoli lejn is-swieq jgħin biex jitnaqqas il-faqar u huwa fattur li jippermetti aċċess universali għal servizzi tas-saħħa u edukattivi li prinċipalment jinsabu fl-ibliet. Minħabba li l-investimenti meħtieġa huma konsiderevoli u l-finanzi pubbliċi mhux ser ikunu suffiċjenti, is-settur privat jista' jkollu rwol importanti biex titnaqqas din l-insuffiċjenza u t-taħlit jista' jintuża bħala għodda ta' finanzjament biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tas-settur privat. Hemm il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati kwistjonijiet ta' standards soċjali, ekoloġiċi u tax-xogħol fir-relazzjonijiet dwar l-investiment sabiex jinkiseb bilanċ ġust u sostenibbli bejn il-partijiet interessati kollha involuti.

(e) Id-diversifikazzjoni ekonomika: L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-LLDCs biex jinħoloq u jiġi sostnut ambjent makroekonomiku tajjeb, biex jiġu identifikati vantaġġi komparattivi fis-setturi tal-produzzjoni u f'setturi promettenti potenzjali futuri waqt li jibnu fuqhom u d-diversifikazzjoni tal-ekonomiji tagħhom. Il-proċess ta' diversifikazzjoni ser jeħtieġ investiment fl-infrastruttura, fil-politika ta' appoġġ, fil-kapaċità istituzzjonali (qafas legali u regolatorju), l-edukazzjoni, inkluż it-taħriġ vokazzjonali u settur privat dinamiku. L-UE tibqa' impenjata biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jeliminaw ir-restrizzjonijiet għall-kummerċ internazzjonali, jesploraw għażliet għal trasformazzjoni strutturali billi jiddiversifikaw l-esportazzjoni tagħhom u jattiraw investimenti barranin; u biex itejbu l-kapaċitajiet produttivi tagħhom; u biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-istat biex jiggwidaw politika ekonomika tajba u l-iżvilupp sostenibbli.

4. L-UE hija impenjata b'mod sħiħ fil-ħidma attwali lejn aġenda għall-iżvilupp ġdida wara l-2015. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2013 dwar l-Aġenda Komprensiva ta' wara l-2015. F'dan il-kuntest, l-UE tistenna b'interess li jiġi żgurat li s-sħubija mal-LLDCs tevolvi b'mod koerenti mal-impenji li ser isiru fil-qafas ta' wara l-2015."

<u>LIĠI TAL-KUMPANNIJI</u>

Divulgazzjoni ta’ informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn kumpanniji kbar*

Il-Kunsill adotta Direttiva dwar id-divulgazzjoni ta’ informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti kumpanniji kbar *(PE-CONS 47/14* u *13265/14 ADD 1)*.

Il-miżuri ġodda ser jirrikjedu li ċerti kumpanniji kbar tal-UE jfasslu, fuq bażi annwali, dikjarazzjoni marbuta ma' kwistjonijiet ambjentali, soċjali u relatati mal-impjegati, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni u t-tixħim. Id-dikjarazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-politiki, l-eżiti u r-riskji relatati ma’ dawk il-materji.

Meta kumpannija ma ssegwix il-politika fir-rigward ta’ dawn il-kwistjonijiet, din ser ikollha tispjega r-raġuni għal dan.

Il-miżuri l-ġodda għandhom l-għan li jsaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-kumpannija, filwaqt li jillimitaw kwalunkwe piż amministrttiv indebitu, u jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni madwar l-UE.

Għal aktar informazzjoni, ara l-*istqarrija għall-istampa* 13606/14.

AMBJENT

Speċijiet aljeni invażivi*

Il-Kunsill adotta Regolament dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid tal-ispeċijiet aljeni invażivi (*PE-CONS 70/14*, *13266/14 ADD 1*).

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-mitigazzjoni tal-impatti negattivi tal-introduzzjoni u t-tixrid kemm intenzjonati kif ukoll mhux intenzjonati, tal-ispeċijiet aljeni invażivi fuq il-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema relatati magħha, kif ukoll impatti ekonomiċi u soċjali oħrajn.

L-ispeċijiet aljeni invażivi huma speċijiet li inizjalment jiġu trasportati barra mill-firxa naturali tagħhom u jaqsmu l-ostakoli ekoloġiċi, permezz ta' azzjoni mill-bniedem, u mbagħad jibqgħu jgħixu, jirriproduċu u jinxterdu, u għandhom impatti negattivi fuq l-ekoloġija tal-post il-ġdid tagħhom kif ukoll konsegwenzi ekonomiċi u soċjali serji. Ġie stmat li, fost il-madwar 12 000 speċi aljena li jinsabu fl-ambjent Ewropew, bejn 10 u 15 % irriproduċew u nxterdu, u kkawżaw ħsara ambjentali, ekonomika u soċjali. Huma stmati li jiswew lill-UE mill-inqas EUR 12-il biljun kull sena.

Ara l-istqarrija għall-istampa 13630/14.

TRASPORT

Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi*

Il-Kunsill adotta Direttiva dwar il-bini ta’ infrastruttura minima għal fjuwils alternattivi madwar l-UE (*PE-CONS 79/14*; dikjarazzjonijiet: *13267/14 ADD 1*).

Skont id-Direttiva, kull Stat Membru ser ifassal strateġija dwar l-użu ta' fjuwils alternattivi jew "qafas ta’ politika nazzjonali", li ser jistabbilixxi l-miri nazzjonali tal-pajjiż biex jiġu stabbiliti punti ġodda tal-iċċarġjar u r-riforniment għat-tipi differenti ta’ "fjuwils nodfa", bħall-enerġija elettrika, l-idroġenu u l-gass naturali, kif ukoll azzjonijiet ta’ appoġġ rilevanti.

Flimkien, l-oqfsa ta’ politika tal-Istati Membri kollha ser jipprovdu s-sigurtà fit-tul għall-investiment privat u pubbliku fit-teknoloġija tal-vetturi u tal-fjuwils u l-introduzzjoni tal-infrastruttura.

Użu akbar tal-fjuwils nodfa hu mistenni li jnaqqas id-dipendenza tat-trasport miż-żejt u li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport. L-espansjoni ta’ teknoloġiji ġodda għandha tippromwovi t-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, b’mod partikolari fl-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa *13660/14*.

TELEKOMUNIKAZZJONI

Unjoni għall-Mediterran: laqgħa ministerjali dwar l-ekonomija diġitali

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha dwar l-abbozz ta’ dikjarazzjoni tal-laqgħa ministerjali tal-Unjoni għall-Mediterran dwar l-ekonomija diġitali. Din il-laqgħa ser issir fit-30 ta’ Settembru 2014 fi Brussell.

AGRIKOLTURA

Għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta’ Regolament tal-Kummissjoni li jemenda d-Direttiva 2008/38/KE[1] li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali (*11839/14*).

Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjonijiet biex jiżdiedu ma' jew jiġu modifikati diversi skopijiet partikolari nutrizzjonali elenkati fl-Anness għad-Direttiva 2008/38/KE. Wara li vvaluta d-dossiers inklużi f'dawk l-applikazzjonijiet, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali rrikonoxxa li l-kompożizzjoni speċifika tal-għalf konċernat tilħaq l-iskopijiet partikolari nutrizzjonali maħsuba u li ma kellha l-ebda effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent jew it-trattament xieraq tal-annimali. Għaldaqstant, l-applikazzjonijiet huma validi u l-lista għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

Dan ir-Regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-Regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

1 Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/38/KE tal-5 ta’ Marzu 2008 li tistabbilixxi lista ta’ użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali (ĠU L 62, 6.3.2008, p. 9).

Pestiċidi - livelli massimi ta' residwu

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta’ tliet regolamenti tal-Kummissjoni li jemendaw l-Annessi II, III, IV u V għar-Regolament 396/2005[1] fir-rigward ta’:

– il-livelli massimi ta’ residwu għal asulam, ċjanammid, dikloran, flumjoksażin, flupirsulfuron-metil, pikolinafen u propisoklor f’ċerti prodotti jew fuqhom (emenda tal-Annessi II, III u V) (*12379/14*);

– il-livelli massimi ta’ residwu għal amitrol, dinokap, fipronil, flufenaċet, pendimetalina, propiżammid u piridat f'ċertu prodotti jew fuqhom (emenda tal-Annessi II u III) (12392/14);

– il-livelli massimi ta’ residwu għal antrakinon, benfluralin, bentażon, bromoksinil, klorotalonil, famoksadon, imażamoks, bromur tal-metil, propanil u aċidu sulfuriku f’ċerti prodotti jew fuqhom (emenda tal-Annessi II, III, IV u V) (*12459/14*).

Ir-Regolament 396/2005 jistabbilixxi l-kwantitajiet massimi ta’ residwi ta’ pestiċidi permessi fi prodotti li joriġinaw mill-annimali jew ta' oriġini veġetali maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali. Dawn il-livelli massimi ta’ residwi (MRLs) jinkludu, minn naħa, il-MRLs li huma speċifiċi għal oġġetti tal-ikel partikolari maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali u, min-naħa l-oħra, limitu ġenerali li japplika meta ma jkun ġie stabbilit l-ebda MRL speċifiku. L-applikazzjonijiet ta’ MRL huma ppreżentati lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) li tagħti opinjoni xjentifika dwar kull MRL ġdid maħsub. Abbażi tal-opinjoni tal-EFSA, il-Kummissjoni tipproponi Regolament bħal dawk elenkati hawn fuq sabiex jiġi stabbilit MRL ġdid jew li jemenda jew ineħħi MRL eżistenti u li jimmodifika l-annessi għar-Regolament 396/2005, kif meħtieġ.

Dawn ir-Regolamenti tal-Kummissjoni huma soġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-Regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

[1] ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

Pestiċidi - miżuri transitorji

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta’ Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament 283/2013[1] dwar il-miżuri transitorji rigward il-proċeduri li jikkonċernaw il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (*7305/14*).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni 283/2013 stabbilixxa rekwiżiti ġodda tad-data għas-sustanzi attivi. Sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jħejju lilhom nfushom biex jilħqu dawk ir-rekwiżiti l-ġodda, dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri transizzjonali dwar il-preżentazzjoni ta’ data.

Dawk il-miżuri transitorji jeħtieġu jiġu emendati sabiex id-data dwar is-sustanzi attivi tkun tista' tiġi ppreżentata, f’ċerti każijiet, f’konformità mar-rekwiżiti fis-seħħ fil-mument tal-l-approvazzjoni inizjali jew it-tiġdid tagħhom. Ir-raġuni għal din il-bidla hi biex jinżamm approċċ uniformi u armonizzat lejn il-valutazzjoni ta’ dik id-data permezz tal-evalwazzjoni tagħha fil-livell tal-UE.

Dan ir-Regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-Regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

UNJONI DOGANALI

Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali ta’ oġġetti (carnets TIR)

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar il-proposta għall-emenda tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti koperti mill-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR tal-1975) *(13015/14)*.

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013 tal-1 ta’ Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 93, 3.4.2013, p. 1).

<u>ĦATRIET</u>

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill ħatar lis-Sur Michal Grzegorz MODRZEJEWSKI (Polonja), bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2015 *(13404/14)*.

Il-Kunsill ħatar lis-Sur Bruno BOURG-BROC, is-Sur Michel DELEBARRE u s-Sinjura Françoise MESNARD (Franza), bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2015 *(13407/14)*.